MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1092/2003

**SMS Insurance Agency Limited ghan-nom tas-socjeta' estera Ecclestiastical Insurance Office plc**

**Vs**

**Stephen Galli**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm726.10c (seba' mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u ghaxar centezmi) rapprezentanti ammont li l-istess socjeta' attrici kellha thallas lil Fogg Insurance Agencies Limited taht il-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta abbazi ta' polza ta' assikurazzjoni li l-konvenut kellu mas-socjeta' attrici, liema polza huwa naqas li jonera nonostante diversi nterpellazzjonijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm726.10c (seba' mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u ghaxar centezmi), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------